**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

Kaz Nru: 7850/22

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Roxanne Tabone)**

**kontra**

**EVAN NOEL FARRUGIA**

**Illum it-13 ta' Frar 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi miġjuba fil-konfront ta' Evan Noel Farrugia, 52 sena, bin Daniel u Helen xebba Spagnol, mwieled ġewwa Pieta' nhar il-21 ta' Dicembru 1969, nazzjonalita' Maltija u residenti 54, Josanne P/H 3, Triq San Guzapp, Birzebbugia u detentur tal-karta tal-identita numru 50670M, akkuzat talli nhar is-06 ta' Ottubru 2022 għall-habta tas-01.15hrs ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta wara l-inżul min flight FR1527 minn Barcelona;

1.Importa jew gieghel li jiġi importat jew għamel xi ħaġa sabiex tiġi importata mediċina perikoluza (Cannabis Grass- 3.00grams) għal użu personali f'Malta, bi skur tad-dispozizzjonijiet tal- Ordinanza Dwar il-Mediċini perikoluzi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba illi barra li tgħati il-piena skond il-liġi tordna il-konfiska tal-corpus delicti.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni huwa tenna wara li nghata bizzejjed zmien sabiex jirrikunsidra l-istess u wara li gew spjegati l-konsegwenzi tal-istess ammissjoni;

Semghet ix-xhieda tal-ufficjal prosekutur fejn iddikjarat li mill-investigazzjonijiet jirrizulta li d-droga mportata kienet intiza ghall uzu personali tal-imputat;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fir-rigward tal-piena;

**Ikkunsidrat**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat dina l-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni giet pruvata skond il-ligi.

Illi fir-rigward tal-piena, dina l-Qorti, hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi u n-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, il-fatt li l-imputat rregistra ammissjoni qabel ma' l-prosekuzzjoni bdiet tressaaq il-kaz taghha, in-natura u l-ammont ta' droga mertu tal-kaz odjern, il-fedina penali tal-imputat kif ukoll id-dikjarazzjoni maghmula mill-ufficjal prosekutur li l-imsemmija sustanza illecita kienet intiza ghall-uzu personali.

**Decide;**

**Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 7, 8(d) u (e), 22(1)(a), (1B), u (2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat, Evan Noel Farrugia, hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-piena ta' multa ta' hames mitt Ewro (Eur. 500).**

Fl-ahhar net il-Qorti qeghda tordna d-distruzzjoni tad-droga hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-

distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

Christine Farrugia

**Deputat Registratur**

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Roxanne Tabone tixhed rigward dak li wassal ghall-arrest tal-imputat;

Decide;

Fuq ammissjoni qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundnnah ghal multa ta' hames mitt Euro (€500)

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur